# L-EWWEL KOLLEĠĠJATI TA' MALTA U GĦAWDEX

(mill-Kav. Joseph Borg, K.M., Ph.C., L.P.)

Il-Knisja Ewlenija ta' Malta, minħabba li fiha minn dejjem kellu l-katedra tiegħu l-Isqof Djoċesan kienet imsejħa l-Knisja Katidrali.

L-EWWEL KNISJA KOLLEĠĠJATA ta' Malta, naturalment l-iżjed waħda importanti fost dawk imsemmija mill-Isqof ta' Malta l-Ispanjol Senatore de Mello (1432-1445) fi żmien il-Papa Ewġenju IV (1431-1447), hija dik ta' Birkirkara. Bħalma żgur jafu il-qarrejja ta' dad-distrett importanti l-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara ġiet imgħolliha għad-dinjita' ta' "Kolleġġjata Elenjana wara rakkomandazzjoni ta' l-Isqof ta' Malta Fra Baldassare Cagliares, S.Th.D. (1615-1633) bil-Bolla "Sacri Apostolatus Ministerio" tal-Papa Urbanu VIII (1623-1644) fil-5 ta' Diċembru 1630, wara li kien ilha żmien twil (1402) taqdi l-ħtiġijiet ta' parroċċa.

IL-KNISJA EWLENIJA ta' Għawdex, il-"Matriċi" ta' dik il-gzira, oħt il-fostanija ta' Malta, peress li kienet minn dejjem l-izjed knisja importanti ta' hemmhekk, tant li minnha wara anki ħarġu l-ewwel Parroċċi tal-kampanja: Xewkija (27 ta' Novembru 1678), Għarb (29 ta' Awissu 1679), Sannat, Xagħra, Nadur u Żebbug (l-erba' fit-28 t'April 1688), ġiet imgħolliha għad-dinjita' ta' Kolleġġjata ta' l-Assunta b'Arċipriet u ħames Kanonċi mill-istess Isqof Cagliares fis-6 ta'Ġunju 1623 sa kemm tasal il-konferma neċessarja mill-Vatikan.

Ġara li l-Kappillan ta' Birkirkara Dun Filippu Borg, S.Th.D. J.U.D. (1595-1649), li fi żmienu telgħet il-Knisja Parrokkjali ġdida ta' l-Assunta fl-"Imrieħel" u li kellu mportanza kbira fit-tmexxija tad-Djoċesi bħala Vigarju-Generali għal bosta snin (1604-1620) xtaq li l-knisja maħbuba ġdida tiegħu, (1600-1617) li minħabba t-tmexxija skrupluża tiegħu tal-parruċċani u tal-bini tagħha talab biex jiġi skużat (1609) mid-dinjita' ta' Kolleġġjata. Dun Filippu kien ukoll Pro-Inkwiżitur fl-1630 u allura Protonotarju bit-titolu ta' Monsinjur.

Il-piki mhux fi żmienna biss eżiżtew. Naturalment hekk kif l-Isqof Cagliares iffirma r-rikors tal-Kappillan Borg inqala' l-inkwiet, l-iżjed għax il-Kolleġġjata ta' Għawdex kienet għadha ma ġietx debitament ikkonfermata; waqt li ta' min ikun jaf li dan l-Isqof Cagliares, imwieled fil-Birgu, kellu l-ġenituri tiegħu: missier u Mħallef minn Valletta u ommu mix-Xagħra- Għawdex, kien midħla wisq iżjed minn normali ma' l-Arċipriet tal-"Matriċi" f'Għawdex, bena Palazzina ħdejn il-knisja mwaqqa' ta' San Nikola, ma' ġemb il-"Matriċi" fiċ-ċittadella, u li huwa reġa' bena minn flusu u ddedikaha lil San Ġuzepp; barra minn hekk il-Vigarju-Generali (1625-1630) kien il-Kanonku Dun Ġan-Patist Cagliares, S.Th. D., ziju ta' l-Isqof. Dun Filippu ma qatax qalbu, anzi żied fil-fervur tiegħu fl-għan li kien daħal għalih, u kif għidt il-Bolla tant mixtieqa tal-Kolleġġjata ta' Sant'Elena Mperatriċi waslet jew pjuttost inkitbet fil-5 ta' Diċembru 1630. L-inkwiet żdied għall-aħħar tant li s-saħħa ta' l-Isqof ġiet irrovinata, għax ingħiduha: meta jfettlilhom jagħmlu l-inkwiet f'affarijiet bħal dawn dwar il-knisja u privileġġi konnessi magħha, tant il-poplu ta' Għawdex kemm dak ta' Birkirkara li jistmawhom immensament, huma professuruni, u l-Isqof kellu jirtira fil-kappella ta' Santa Marija "ta' Xwejxi" fil-limiti tar-Rabat qrib ħafna tal-Buskett fejn miet b'disgrazzja tliet snin wara fl-4 ta' Awissu 1633.

Il-Vigarju-Ġenerali li kien xiħ ħafna miet fl-istess sena 1630 u floku sar il-Kanonku Pietru-Franġisk Pontremoli, S.Th.D., Protonotarju Apostoliku (1630-1635) li kien diġa serva ta' Vigarju-Generali (1620-1625), kif ukoll serva ta' Locumtenens (1630-1633) u Vigarju-Kapitolari (1633-1635). Kien ukoll Pro-Inkwiżitur fl-1634 u miet ta' 66 sena fis-17 ta' Mejju 1654. Dal-kanonku kien jiġi ħu l-Arċipriet ta' Għawdex Dun Salv, S.Th.D. u kellhom ħuthom lil Fra Antonin J.U.D., imwieled ukoll

f'Għawdex fl-1577 (qui Gaulos nudum excepit Melita toga decoravit), laħaq Kappillan Konventwali ta' San Ġwann fil-Lingwa ta' Provenza, wara fit-18 ta' Gunju 1636 il-Gran Mastru Fra Ġan-Pawl Lascaris Castellar (1636-1657) ippromovih Kommendatur ta' Spinas u għamlu Uditur tiegħu, waqt li fis-7 ta' Mejju 1637 laħaq Kanonku Dekan tal-Katidral u miet ta' 72 sena fil-21 ta' Settembru 1649 u kien midfun f'San Ġwann fl-atriju tal-bieb ta' l-Alvernja, il-Wisq Reverendu Kanonku Dun Anġlu, J.U.D., il-kbir fosthom, li kien Pro-Vigarju għal Għawdex (15.4.1572-1574), Kanonku ta'l-Imdina u anki l-ewwel Kappillan ta' Ħaż-Żabbar (1616-1628), u l-Wisq Reverendu Kononku Fabrizju, S.Th.d. Dawn il-ħames saċerdoti kollha għorrief, gwappi, Għawdxin: ulied is-Sur Salvu u martu Klara mwielda Cagliares, u ta' l affari tagħhom kienu ukoll kuġini "consobrini" tal-Isqof Djoċesan Cagliares, u għaldaqstant tistgħu taħsbu ma' min kellu jillottja Dun Filippu Borg ta' Birkirkara, li pero' kellu rieda ta' l-azzar: "Audaces fortuna adjuvat".

Wara l-Isqof Cagliares u s-sentejn treġija tal-Kanonku Monsinjur Pietru-Franġisk Pontremoli laħaq Isqof lokali l-Ispanjol Fra Mikiel-Ġan Balaguer Camarasa fit-12 ta' Frar 1635, kien ikkonsagrat f'Ruma u wasal Malta fl-aħħar ta' Marzu (u miet wara treġija twila sal-5 ta Diċembru 1663). Monsinjur Balaguer Camarasa għażel bħala Vigarju-Generali tiegħu (1635-1644) lil Kanonku Kantur tal-Katidral (1638-1660) Monsinjur Anton Tolossenti, J.U.D., Protonotarju Apostoliku. Is-Santa Sede żammet id-dritt li tagħti il-pussess lill-Kapitlu Ġdid Elenjan u għażlet lil-Kanonku Kapitolari Dun Indri' Galea bħala Delegat Apostoliku għal dan l-iskop. Dun Filippu ra li issa r-rota daret, mar dritt għand l-Isqof, bir-rispett kollu ressaq il-kas tal-Kolleġġjata tiegħu, l-isqof fehem kollox, flimkien għażlu l-membri tal-Kapitlu l-ġdid, u l-Isqof ordna li l-Pussess tal-Prepostu (li baqa' jżomm il-kura ta' l-erwieħ bħala Vigarju-Perpetwu) u ta' l-għaxar Kanonċi sħabu jsir għal l-10 ta' Mejju 1635 sar permezz tal-Kanonku Kapitolari Dun Ġwann Micallef minn Birkirkara bħala Esekuttur Kummissarju u Delegat tal-imsemmi Delegat Apostoliku. Dawn l-affarijiet kurjużi saru minn dejjem, jibqgħu isiru sa kemm il-bniedem jibqa' bniedem bil-għerf u bid-difetti ukoll tiegħu: inċidentalment, meta miet il-Papa Qaddis Piju X (1903-1914) li kellu bħala Segretarju tal-Istat lis-Serv ta' Alla l-Kardinal Ingliż-Spanjol Rafel Merry del Val (1865-1930), il-Papa l-ġdid Benedittu XV (1914-1922) mill-ewwel neħħa lil das-segretarju famuż.

Meta saħħet il-Monsinjur Kanonku Prepostu Borg bdiet tbatti sew fl-1644 dan għażel lil Kanonku Dun Duminik Galea, S.Th.D., bħala Prepostu-Kuġitur tiegħu (1644-1649), waqt li sar Vigarju-Generali-Perpetwu separat mill-Prepositura fil-persuna ta' l-għaref Kanonku Dun Ġan Patist Zarb, J.U.D. (1644-1675).

Il-Kolleġġjata tal-"Matriċi" ta' Għawdex ġiet formalment ikkonfermata mill-Vatikan wara talba tal-Kanonku-Arċipriet tagħha Dun Ġananton Camilleri, S.Th.D., J.U.D. (1655-1679), mill-Qrendi fejn ħuh Dun ĠanMari', J.U.D., kien it-tieni Kappillan (1620-1668) ta' raħal twielidhom, lill-Papa Alessandru VII (1655-1667), - li qabel kien is-26 Inkwiżitur u Delegat Apostoliku fil-Gżejjer tagħna (1634-1639) u li kien ikkonsagrat isqof fl-1 ta' Lulju 1635 mill-imsemmi Isqof lokali Balaguer Camarasa, assistit mill-kompajżani tagħna l-Gran Prijur ta' San Ġwann Fra Salv. Imbroll, J.U.D. (1624-1650) u mill-Vigarju -Generali li diġa semmejt Monsinjur Anton Tolorsenti -, u li dal-Papa kkonferma bil-qalb kollha fl-20 t'Ottubru 1663 bil-Bolla "Suprema Dispositione".

Minhabba din id-data effettiva ta' l-aħħar, il-Kolleġġjata ta' Birkirkara kienet miżmuma bhala anzjana ghal dik tal- "Matriċi" ta' Għawdex, privileġġ pero' li tilfet meta din ta' l-aħħar saret Katidrali bil-Bolla "Singulari Amore" tal-Papa Piju IX (1846-1878) maħruga fis-16 ta' Settembru 1864 u ppromulgata fit-22 ta' l-istess xahar u sena fi żmien il-Kanonku-Arċipriet Dun Mikiel Zammit (1863-1865), saċerdot b'fama ta' qaddis, L-Arċisqof-Isqof ta'Malta u Għawdex Fra Gejtanu Pace Forno, O.S.A., S.Th.M (1857-1874), li twieled f'Għawdex fil-5 ta'Gunju 1809 mill-Avukat Franġisk Pace u martu Luċija Forno minn Palermo, u l-Isqof-Awziljarju għal Għawdex Monsinjur Miliel-Franġisk Buttigieg, D.D., mill-Qala (16.3.1863) meta allura sar l-Ewwel Isqof Djoċesan ta'art twelidu (22.9.1864 - miet 12.7.1866).

Ara ma jmurx xi hadd jahseb li xi darba kien hemm xi animosita' specjali bejn il-poplu ta'Birkirkara u dak ta'Għawdex, eċċettwati forsi dawk il-ħames snin (1630-1635) ta' rivalita' jew aħjar delirju reliġjuż miż-żewg naħat, għax bizzejjed insemmi li Birkirkara ukoll, bħal kull belt jew raħal ieħor f'Malta, kellha xi kapijiet Spiritwali minn Għawdex speċjalment sa kemm iż-żewġ Gżejjer kellhom l-istess Isqof u f'xi postijiet oħra anki wara dik is-sena, bħal ngħidu aħna: (1) il-famuz Kappillan Dun Nerik de Bordino (1506-1526) minn Sannat li kien ukoll Kanonku Kantur tal-Katidral (1500-1526) u Vigar-Kapitolari (1503-1506) wara l-mewt ta' l-Isqof Anton Corseto sa ma l-Kardinal Ganni de Castro kien magħmul bħala Amministratur Apostoliku mil-Papa Gulju II (1503-1513), (2) u l-Kanonku Prepostu-Arċipriet Dun Gwann Xuereb, S.Th.D. (1787-1791) mir-Rabat li wara sar Kanonku-Arċipriet fil-Kolleġġjata ta' l-Għarb (1791-1806) u fl-aħħar Kanonku tal-"Matrici" (1806-miet 1810); waqt li l-Monsinjur Kanonku Prepostu - Arċipriet preżenti Injazju Sciberras Psaila, J.U.D., Prelat Domestiku u Kappilan Konventwali ta' San Gwann, studja fis-Seminarju ta' Għawdex, flimkien miegħi, fejn kellna bħala wieħed mill-aħjar għalliema l-mibki Isqof t'hemm Monsinjur Guzeppi Pace D.D., J.C.D., Ph.D., G.C.O.J. (1944-1972) li kien benefattur kbir tagħna t-tnejn, bħalma kien tal-maħbub Arċisqof tagħna Guzzeppi Mercieca, S.Th.D., J.U.D., Adv.S.R.R., B.A., Ph.B.

Ritratti: (1) Kanonku Vigarju-Perpetwu Dun Gan-Patist Zarb, J.U.D. minn Birkirkara (1644 - sa mewtu fil-15.8.1675). Dun Gan-Patist kien l-ewwel Vigàrju-Perpetwu wara l-Fundatur tal-Kolleġġjata Elenjana l-Monsinjur Prepostu Filippu Borg. Kien sacerdot intelligentissimu tant li ġie magħzul Assessur u Mħallef fil-kurja ta' l-Isqof u sa għamlu dil-pittura tiegħu fl-Universita' flimkien ma' ta' ftit Saċerdoti Maltin illustri oħra.

(2) Kanonku Kapitolari Dun Nerik de Bordino, minn Għawdex, Kantur tal-Katidral fl-Imdina (1500-1626), it-tielet Kappillan ta'Birkirkara (1606-1526) u Vigarju-Kapitolari (1503-1506). Sa fejn naf jiena din il-pittura li qiegħda fis-sagristija ta' fuq fil-knisja ta' Santa Katarina l-antika, magħrufha bħala ta' San Girgor, Zejtun, hija l-izjed stampa antika awtentika ta'Kanonku f'Malta, muri liebes l-Almuzio fuq l-ispellizza komuni.

Dun Nerik irranġa mal-Papa Klement VII (1523-1534) li l-benefizzju tal-familja tiegħu "Ta' Ħamimiet" jew "Ta' San Kosma u San Damjan" f'Għawdex ikun anness mad-Dinjita' tal-Kantur. Huwa miet imgħarraq fl-1526 waqt li kien sejjer Sqallija biex jiddefendi d-drittijiet tal-Knisja Maltija quddiem il-Vici Re F'Palermo.


# Micallef Marble Works

342 Fleur-de-Lys Road, B'Kara
Telephone 442285

SUPPLIERS OF:

**Marble – Granite – Resin**

**10% discount** on Perlato and Royal Marble